**31 ta' Ottubru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Carmelo Cassar Parnis**

**Truffa — Lukru Frawdolent — Art. 322 u 323 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Għar-reat ta' truffa, espressament kontemplat mill-liġi, hemm bżonn li tirriżulta materjalità speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera, u hekk bħala mezz ta' qerq. Ma humiex biżżejjed affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibbilità l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur; għax il-liġi riedet tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi kliem jew lużingi, u li tagħti lil dawn l-esterjorità ta' verità — dak li huwa magħruf bħala "mise-en-scene".*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih Carmelo Cassar Parnis appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tad-29 ta' Awissu 1959, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġie misjub ħati li b'mezzi kontra l-liġi, billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' ċertifikati foloz, u billi nqeda b'qerq ieħor, u nganna u wera ħaġa b'oħra, sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħadd ieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew biex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' somma ta' flus li ma teċċedix l-għaxar liri, skond l-art. 322 u 20 tal-Kodiċi Kriminali, u ġie kundannat għal erbgħa xhur priġunerija;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għar-reat ta' truffa kontemplat fl-art. 322 tal-Kodiċi Kriminali, kif jidher mid-diċitura partikolarment deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalità speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera, u hekk bħala mezz ta' qerq. Ma humiex biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibbilità l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi kliem u lużingi, u li tagħti lil dawn l-esterjorità ta' verità, kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-Dritt Franċiż "mise-en-scene";

Fil-każ preżenti, il-provi juru li l-appellanti qal lil Marianna Azzopardi li l-familja tagħha kellhom dritt għall-eredità ta' ċertu Garcia minn Spanja, u talabha £10 għall-ispejjeż; li hija kkunsinnatlu. Wara, mar għandha u qalilha li uliedha setgħu jiksbu £40,000 kull wieħed, u hi konsenjatlu £30. F'okkazjoni oħra l-appellanti staqsiha jekk riedetx tikteb għall-wirt tifel ieħor; hija aċċettat, u tagħtu £10 oħra;

L-appellanti qal lil Pawla Vella li l-familja tagħha kienet intitolata għal wirt ta' £90,000,000. Talabha £10 għall-ispejjeż biex ikun jista' jitħabtilha, u wriha ritratt jew stampa tal-ajruplan li qal li fuqu kellu jsieref; u hi kkonsenjatlu l-flus. L-appellanti qallha li kellha xortiha tajba, u li s-suċċess tal-wirt kien żgur daqs kemm hu żgur il-Kreatur fis-Sema;

Anki Francesca Grech ikkonsenjat lill-appellanti £10 għall-wirt; u x-xhud qalet li huwa qralha minn biċċa karta, qalilha li kien sejjer isiefer, u li kien ikollu dritt għall-wirt biss min jinkiteb;

Ix-xhud Giuseppa Azzopardi qalet li l-appellanti wiegħedhom li jirċievu l-flus sa Lulju ta' din is-sena;

Fuq il-provi, din l-Qorti, bir-rispett lejn l-Ewwel Qorti, ma ssibx dak l-apparat estern, dik il-"mise-en-scene" meħtieġa, biex seta' jakkwista aspett ta' verosimiljanza għall-finijiet tar-reat il-wirt favoluż ta' £40,000 u £90,000,000 prospettat mill-appellanti. Din il-Qorti ma ssibx dan ir-rekwiżit karatteristiku tar-reat, partikolarment in vista tal-fatt li l-liġi, fl-art. 323 tal-Kodiċi Kriminali, tikkontempla r-reat minuri ta' lukru frawdolent. L-appellanti adopera kliem u lużingi; u anki meta f'okkażjoni waħda wera stampa ta' ajruplan, u f'oħra beda jaqra minn biċċa karta, huwa ma adoperax artifizju estern li bih seta' apparentement jissostanzja u jirrendi verosimili l-assert tiegħu;

Għalhekk, ir-reat taħt l-art. 322 ma jirriżultax;

Il-fatti, però, iwasslu għall-ħtija tal-appellant skond l-art. 323 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri tar-reat minuri ta' lukru frawdolent innominat, in kwantu l-appellanti, għalkemm mhux bil-mezz partikulari ndikat fl-art. 322, għamel qliegħ għad-dannu ta' ħadd ieħor; u dan bl-aggravanti ġenerika tal-kontinwità tar-reat;

Għalhekk;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata u teħles lill-appellanti mir-reat li tiegħu ġie misjub ħati; iżda tiddikjara lill-appellant ħati talli, fi żmienijiet diversi u b'atti eżekuttivi tal-istess riżoluzzjoni, bi ħsara ta' ħadd ieħor, għamel qliegħ b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel, f'ammont li, għall-finijiet tal-kontinwità tar-reat, ma jissuperax l-£10, skond l-art. 323, 324(1)(b), u 20 tal-Kodiċi Kriminali; u tikkundanna lill-appellanti għall-piena tal-priġunija għal żmien xahrejn u għaxar tijiem.